Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 339/2016**

Il-Pulizija

vs

**Raymond Abela**

Illum, 30 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Abela detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 74280(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u kienu gew maghmula b'rizzoluzzjoni wahda, ghax-xhur 16/3/2015 sa 16/8/2015, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt nqast li taghti lil Marusca Abela is-somma ta' 340 Ewros fix-xahar ffissata minn xi Qorti jew stipulata biI-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-uliedu fi zmien (15) hmistax-il jum minn dak Ii fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Raymond Abela minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba kontrih.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod
ragonevoli tasal ghall-htija ta' l-appellant bla ma tiehu inkonsiderazzjoni tali fatti ta' pagamenti. Di piu, l-appellant jghid li tali sentenza hija nulla u dan stante li l-istess sentenza hija nieqsa mid-dikjarazzjoni dwar il-perjodi li huwa qed jinstab hati ghalihom u allura ma irrizultax car ghalliema perjodi kienet qed tirrisulta tali htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illli fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2019 **Marouska Abela** ikkonfermat li pendent lite hija irceviet bhala hlas akkont is-somma ta' erba' mitt euro (€400) fi tlett pagamenti minghand zewgha l-appellant in konnessjoni ma din il-kawa u li l-ammont dovut illum huwa fl-ammont ta' €1,640. Spjegat li huwa kien obbligat ihallas manteniment fl-ammont ta' €340 euros fix-xahar.

L-appellant **Raymond Abela** xehed u stqar li mis-sena 2011 sas-sena 2013 huwa kien qed jirrisjedi ma martu u kien ghalhekk li ma kienx itiha manteniment ghaliex kien jipprovdi ghal kollox hu. Ricentement jghid li waqa f'depression u ghalhekk mhux qed jahdem. Stqarr li pero' meta jahdem dejjem ihallas manteniment lil martu. Fil-prezent ma jahdimx.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla ghaliex ma hemmx indikat il-perijodu ta' meta l-appellant allegatament ma hallasx manteniment lil Marouska Abela u ghalhekk ma kienx f'posizjoni il jiddefendi lilu innifsu.

Jinghad pero' li tali aggravju hija frivola u dan ghaliex minn esami tal-komparixxi li tinsab fl-atti jidher car il-perijodu fejn l-appellant allegatament iddekada milli jghati manteniment lil Marouska Abela u cioe ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru Dicembru tas sena 2015 u ghax-xahar ta' Jannar 2016.

Illi skond dak mistqarr minn Marouska Abela li ma giex kontradett mill-appellant huwa kienordnat ihallas is-somma ta' €340 mensilment lil Marousca pero waqa' f

depression u ghalhekk ma setghax ihallasha aktar ghax jinsab bla impieg. Ma jirrizultax li ha xi procedure sabiex ibiddel id-digriet imsemmi fil-kuntratt tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Dwar ordni ta' hlas jinghad is-segwenti billi taghmel referenza sentenza flismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[1] " fejn irriteniet testwalment hekk :-
."

......"*Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla*
*jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ……… kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew* ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null" .

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**[2]" fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. **Pul. vs. Anthony Saliba**; 15.7.1998 ), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta'

---

[1] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999 mll-Qorti tal Appelli Kriminali

[2] Deciz fit-18 ta' Settembru 2002 mll-Qorti tal Appelli Kriminali

[2] Deciz fil-15 ta' Lulju 1998 mll-Qorti tal Appelli Kriminali

natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu talhlas skond l-ewwel Digriet.

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Qorti tal-Familja, li ordna l-hlas ta' manteniment, din il-qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn appellant ikun naqas li jottempra ruhu ma' tali digriet jew sentenza tkun xi tkun ir-raguni jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti minflok Qorti tal-Appell Kriminali tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Qorti tal- Familja, mansjoni li zgur ma taqax taht il-kompetenza taghha.

Kif qalet il-kawza l- **Pulizija vs Lawrence Mifsud** [3] " *fil-kamp kriminali biex tirrizulta htija ta' natura kontrovenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi ppruvat il-fatt tal-ordni tal- Qorti kompetenti li tordna l-hlas ta' manteniment ....... u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-perjodu imsemmi fil-komparixxi u trattandosi ta' reat kontrovenzjonali li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f'certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il- Qorti ghandha deskrizzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda, ammorizjoni jew riprenzjoni jew xi provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ottubru 2009

Ghalhekk mhux il-kaz illi dik id-deskrizzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-apel u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur